MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Numru 230/2015

Il-Pulizija

Spettur Edel Mary Camilleri

vs

El Ragig Faraj Mohamed

Omissis

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ nazzjonalita’ Libjana detentur ta’ karta ta’ identita’ bin-numru 128998A akkuzat talli:

1. nhar il-25 ta’ Frar 2015, ghal habta tal-21.09 ta’ filghaxija, kif ukoll fis-sighat ta’ qabel, u ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, volontarjament kiser l-ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju jew glied;

2. f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kien gja misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza hija datata 13 ta' Gunju 2014 hekk kif preseduta mill-Magistrat Dr.A. Demicoli, liema sentenza saret definittiva u ghaldaqstant ma tistax tinbidel;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

In vista tat-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju mitluba mill-prosekuzzjoni u akkollta minn dina l-Qorti, din is-sentenza tirrigwarda l-odjern imputat biss.

Huwa, f'din l-ewwel udjenza tal-lum irregistra ammissjoni fl-liema baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra.

Fuq l-iskorta ta' tali ammissjoni ssibu hati. Rat l-Artikolu 338(dd)(ff) tal-Kap 9.

Tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat it-tifsira ta' din is-sentenza.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------